MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 26

23 ta' Ottubru 2014

Minuti tas-seduta Nru. 26 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea attendiet is-seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti taż-żewġ partijiet tas-Seduta Nru. 25 mingħajr emendi, u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart (K/6/2/Vol IV)(K/6/10/Vol III )(K/6/11)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.10 tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u qal li saret laqgħa mas-Sur Joe Attard ta' Green MT Ltd, fejn ġiet diskussa l-intenzjoni tal-Kunsill li l-ġbir tal-iskart riċiklabbli jibda jsir nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa, minflok it-Tlieta u l-Ħamis. Is-Sur J. Buttigieg qal li s-Sur Attard aċċetta dan it-tibdil.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li l-ftehim attwali ma' Green MT Ltd ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014. Huwa għalhekk ippropona li ż-żewġ operaturi ta' l-iskemi liċenzjati biex jagħtu dan is-servizz għandhom jintalbu jissottomettu t-termini ġenerali li jiġu offruti lill-Kunsilli Lokali, kif ukoll dawk relatati ma' esiġenzi partikulari tal-lokalita` b'mod speċjali l-ġbir tal-iskart riċiklabbli separat mill-Bajja tal-Għadira li tgawdi l-i*status* tal-*Blue Flag*. Huwa qal li dawn għandhom jintalbu jagħmlu dan sa data u ħin speċifiku. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

2.1.4. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Organiku kompla jiġi diskuss mit-*Tender Adjudication Board* fil-laqgħa li saret fis-6 ta' Ottubru 2014 u li l-minuti tagħha ġew imqasma qabel din is-seduta. Hija l-fehma tal-bord li s-servizz attwali ta' erbat ijiem fil-ġimgħa għandu jkompli, peress li żieda fil-frekwenza tkun ta' diżinċentiv għar-residenti biex ma jisseparawx l-iskart, filwaqt li jintilef il-progress li sar fl-aħħar erba' snin. Biex jikkonsolida dan, il-Kunsill għandu jinvesti f'kampanja edukattiva fost it-tfal.

2.1.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-problema tal-boroz is-suwed imħollija barra t-Tlieta u l-Ħamis tinħass l-iktar matul ix-xhur tas-sajf.

2.1.6. Is-Segretarju qal li r-rakkomandazzjoni tat-*Tender Adjudication Board* ma taffettwax is-servizz addizzjonali li għandu jingħata fil-Ħdud fiż-żoni Tas-Sellum u Ta' Gerbulin. Huwa fakkar ukoll li l-frekwenza ta' erbat ijiem fil-ġimgħa kienet ġiet komunikata lill-Kunsill Lokali kollha u tirrifletti l-*policy* tal-Gvern ċentrali f'dan il-qasam.

2.1.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li apparti r-raġunijiet mogħtija mit-*Tender Adjudication Board*, wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni l-ispejjeż involuti biex jiżdiedu jumejn oħra matul il-ġimgħa. Huwa aċċenna għall-fatt li attwalment is-servizz qed jiġi jiswa ftit inqas minn €300 kuljum u għalhekk il-Kunsill jeħtieġ li jkun kawt li ma jikkawżax żieda fl-ispejjeż li jkun ġabhom huwa stess.

2.1.8. Il-Kunsill addotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

### 2.2.1. Stedina mill-Comune di Aquaviva delle Fonti (K/1/5/1/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.3.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarraf li ż-żjara f'Aquaviva delle Fonti li saret bejn is-17 u l-21 ta' Ottubru 2014, fil-lokalita` imsemmija kienet waħda akkoljenti u saru diversi l-kuntatti ma' persuni nvoluti fl-operat tal-Comune di Aquaviva delle Fonti, kif ukoll ma' personalitajiet oħra konnessi ma' kunsilli lokali oħra fir-reġjun tal-Puglia. Fost possibiltajiet ta' koperazzjoni diskussi kien hemm l-iskambji li jistgħu jsiru mill-baned taż-żewġ lokalitajiet, kif ukoll żjara f'Malta minn żgħażagħ żvantaġġjati. Din tal-aħħar ġiet diskussa waqt laqgħa li saret mal-Kappillan Domenico Giannuzzi.

2.2.3. Is-Segretarju qal li mill-kuntatti li saru jidher illi ser tkun problema li banda tiġi akkomodata f'Aquaviva delle Fonti, peress l-akkomodazzjoni li hemm huma appartamenti żgħar imxerrda mal-lokalita`. Għaldaqstant jista' ikun il-każ li grupp ta' 50-60 persuna jkollu jiġi akkomodat f'lokalita` oħra fil-qrib. Dan ma jidhirx li għandu jkun problema, peress li ġie nnutat li l-Comune ta' Aquaviva għandu relazzjonijiet tajba mal-kunsilli lokali tal-madwar.

2.2.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jibdew il-kuntatti mal-Għaqda Mużikali Imperial bil-għan li l-banda żżur u tesegwixxi programmi f'Aquaviva u lokalitajiet tal-qrib f'Lulju jew Settembru 2015.

### 2.3.1. Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Cugir fir-Rumanija (K/1/5/Vol III)

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 1.6. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti dwar il-parteċipazzjoni fil-festival folkloristiku annwali msejjaħ *Toamna Cugireana* li seħħ bejn it-18 u t-22 ta' Settembru 2014 f'Cugir ir-Rumanija. Is-Sur C. Bartolo qal li l-artisti, artiġġjani, u kantanti kienu ferm sodisfatti li s-sehem tagħhom ġie apprezzat mill-organizzaturi. L-istess parteċipanti John V. Borg, Jade Borg, Ruth Borg, Carmen Sammut, Carol Attard Montalto, Ursola Gauci, Joe Grech, Alice Grech, wrew apprezzament lill-Kunsill għal din l-opportunita`.

2.3.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li kien hemm laqgħa mas-Sindku ta' Cugir Adrian Teban, kif ukoll ma' grupp Ġermaniż, li magħhom ġiet diskussa l-possibilta` li jintbagħtu żgħażagħ f'Malta biex jitgħalmu l-Ingliż.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sindku ta' Cugir.

### 2.4.1. Festa tal-Qara' Aħmar (S/6/Vol VI)

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.6.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u ppropona li sehem tal-Kunsill fl-attivita` imsemmija jkun limitat għall-ħlas tal-kantanti sa' massimu ta' €300.

2.4.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.5.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

2.5.2. Il-Kunsill H. Fenech irrefera għall-minuta 2.1.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qal li huwa ġie mgħarraf li d-dati meta ser jitwettaq il-proġett *Cultura accessibile e per tutti: La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita,*`tbiddlu u issa ser isir bejn l-4 u 11 ta' Marzu 2015. Il-Comune di Clusone, li huwa l-imsieħeb ewlieni fil-proġett qed jitlob lill-imsieħba l-oħra sabiex jgħaddulu l-ismijiet taż-żgħażagħ li ser jipparteċipaw sal-aħħar ta' Diċembru 2014.

2.5.3. Sabiex ikun hemm parteċipazzjoni aktar wiesgħa taż-żgħażagħ, ġie miftiehem li l-għaqdiet tal-Mellieħa għandhom jinnominaw żgħażagħ minn fost il-membri tagħhom.

### 2.6.1. Tlielaq ta' karozzi klassiċi (S/6/Vol IV)(A/6/3/2 Vol 47)

2.6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.2.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u qal li l-organizzaturi tat-Thomas Smith Mellieħa Hillclimb urew apprezzament għall-appoġġ mogħti mill-Kunsill fl-attivita` li seħħet f'Dawret il-Mellieħa fid-9 ta' Ottubru 2014. Jidher ukoll li beħsiebhom jagħmlu l-istess fl-2015.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Sitwazzjoni tat-Traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.2. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u qal illi wara l-laqgħa li saret mal-Perit S. Bonello u s-Sur C. Muscat mit-*Traffic Management and Road Safety Directorate,* fejn saru rappreżentazzjonijiet ma' l-istess direttorat sabiex jiġi pprojbit l-aċċess b'vetturi kbar fil-Manikata bl-eċċezzjoni ta' dawk li jkunu ser jirrendu xi servizz fiż-żona affettwata. It-tabelli ntalbu fi Triq il-Biedja ma' Triq Għajn Tuffieħa, Triq il-Manikata ma' Triq il-Wilġa, Triq il-Wilġa ma' Triq Għajn Tuffieħa u fi Triq il-Mellieħa ma' Triq Lewis Wettinger.

2.7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li dan l-arranġament ikun jeħtieġ superviżjoni mill-Gwardjani Lokali u għalhekk aħjar li ssir laqgħa mal-Uffiċċjal Awtorizzat.

2.7.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.8.1. Ħarġa lejn Santa Luċija (A/5/5/Vol VII)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 14.1. tat-tieni parti tas-seduta ta' qabel u għarfet illi għall-ħarġa li saret fis-16 ta' Ottubru 2014 għall-Ġnien tas-Serenita` f'Santa Luċija, kkonkorrew 100 persuna li kellhom kummenti tajbin dwar l-għażla tal-post.

2.8.3. L-istess kunsilliera pproponiet illi l-ħarġa li jmiss tkun għall-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu u ssir fl-20 u fis-27 ta' Novembru 2014, bil-prezz ta' €7.00 kull persuna. Dan minħabba limit impost fuq in-numru ta' viżitaturi li jaċċettaw f'daqqa fil-palazz.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-ħarġa proposta fil-minuta 2.8.3.

### 2.9.1. Korsijiet tal-*aerobics* u kompjuter għall-anzjani (E/3/1/11)(E/3/1/9/Vol IV

2.9.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 17.2. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u għarraf li minħabba l-fatt li applikaw 31 persuna għall-kors tal-*aerobics*, ser ikollhom jinħolqu żewġ klassijiet skont l-eta`. Min-naħa l-oħra, l-anzjani ma jixtiequx li jkun hemm *instructors* differenti peress li kienu draw mal-ewwel wieħed ipprovdut mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` u l-Anzjanita` Attiva.

2.9.3. Is-Sur J. Attard għarraf ukoll li fuq talba li saret mis-Sindku lid-ditta TCTC Ltd, ser jingħata kors bażiku fl-użu tal-kompjuter għall-anzjani tal-Mellieħa li ser isir fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.10.1. Proġett - *Act Today for a Better Tomorrow 2* - Vecipielbalga - Latvia (P/10/17)

2.10.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 1.5. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti dwar il-proġett imsemmi, li jrid jitwettaq mal-Kunsill Lokali ta' Vecipielbalga fil-Latvia bejn is-16 u l-25 ta' Frar 2015. Huwa ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ jinstabu żgħażagħ li ser jieħdu sehem, kemm jista' jkun malajr.

2.10.3. Sabiex ikun hemm parteċipazzjoni aktar wiesgħa taż-żgħażagħ, ġie miftiehem li l-għaqdiet tal-Mellieħa għandhom jinnominaw żgħażagħ minn fost il-membri tagħhom.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 22/10/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 12/09/14 – 15/10/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 06/10/14

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tabelli ta' direzzjoni għall-Park tal-Majjistral (A/4/10)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Settembru 2014, mibgħuta mill-*Project Leader* tal-Park tal-Majjistral fejn talab lill-Kunsill sabiex jitwaħħlu tabelli ta' direzzjoni fil-postijiet indikati hawn taħt:

- Triq il-Mellieħa k/m Triq Lewis Wettinger;
- Triq il-Mellieħa k/m Triq ta' Irdum id-Delli;
- Triq il-Mellieha k/m Triq l-Wied ta' Rdum;
- Triq il-Wilġa k/m Triq il-Manikata; u
- Triq Dun Manwel Grima k/m Triq il-Mejjiesa

4.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li n-nefqa għandha mill-Bord tal-Park tal-Majjistral.

4.1.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u ddeċieda li l-Bord jiġi mgħarraf skont il-kumment li sar fil-minuta 4.1.3. aktar 'il fuq.

### 4.2.1. Uffiċċju informazzjoni għat-turisti (A/6/7/4)

4.2.2. Inqara imejl datat 3 ta' Settembru 2014, fejn l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu talbet li jiġi nstallat *air conditioner* għall-benefiċċju tal-impjegati li jaħdmu fl-imsemmi uffiċċju. Ġie propost ukoll li l-*indoor unit* ikun eżatt fuq il-bieb ta' barra, filwaqt li l-kompressur jitqiegħed fil-baxx u jitgħatta b'kabinett tal-injam.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa fid-dawl tal-fatt li kien hemm talba simili li ġiet rifjutata, minħabba raġunijiet estetiċi u l-karatteristiċi tal-post.

### 4.3.1. Terminazzjoni ta' qbiela u talbiet għal kumpens (P/4/6/Vol IV)

4.3.2. Inqrat ittra datata 25 ta' Awwissu 2014, fejn l-Ombudsman għadda kopja ta' tweġiba li huwa ngħata mill-Aġenzija tal-Pagamenti dwar it-talba li saret mis-Sur Alden Grima dwar teħid ta' raba b'rabta mal-iżvilupp tal-Park tal-Familja. Fl-ittra tiegħu, il-Kap tal-Aġenzija stqarr li:

- Saret spezzjoni mill-uffiċjali tal-Aġenzija f'Mejju 2011 meta kien diġa beda x-xogħol fir-raba in kwistjoni u għalhekk saru verifiki permezz ta' ritratti mill-ajru illi wrew li l-art kienet tinħadem u kien jidher li kien hemm aktar siġar;
- Sussegwentement uffiċjali mill-Aġenzija ltaqgħu fuq il-post mas-Sur Alden Grima biex tiġi fformulata l-istima wara li ġie stabbilit it-tip ta' siġar li dehru fir-ritratti, kif ukoll il-prodotti li kienu qed jiġu mkabbra. Fl-istess laqgħa, intqal illi s-Sur Grima spjega li kien jiġi mkabbar iż-żagħfran, li spiċċa ġie meħud mal-ħamrija mħammla minn din l-għalqa. Skont is-Sur Grima dan il-basal kien jiswa €0.60 kull waħda u ddikjara wkoll li kien hemm 8,000 waħda, liema numru seta joqgħod fuq il-medda ta' raba meħuda; u
- Il-prezzijiet tas-siġar tal-frott, ġew mogħtija skont l-istatistika u l-prezzijiet misjuba fis-suq, filwaqt li dawk tal-frott ġew maħduma skont il-prezzijiet tal-pitkalija.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel tingħata tweġiba lill-Ombudsman, għandu jittieħed parir legali minħabba r-raġunijiet segwenti:

a) L-ewwel darba li ġiet konċessa l-art in kwistjoni lill-Kunsill, kien permezz ta' ittra datata 27 ta' Diċembru 2010 wara talba li saret mill-istess Kunsill fit-8 ta' Lulju 2010. Wieħed jifhem li fil-frattemp, il-bdiewa konċernati kienu ġew notifikati mid-Dipartiment tal-Artijiet. Għaldaqstant is-Sur A. Grima kellu żmien biżżejjed biex jiġbor il-basal taż-żagħfran minn meta ġie notifikat mid-Dipartiment tal-Artijiet, sakemm beda x-xogħol fuq il-post;

b) Minkejja li kien hemm l-intenzjoni li ssir talba għall-kumpens lill-Kunsill, l-ebda uffiċjal mill-istess Kunsill ma ntalab ikun preżenti meta saret l-ispezzjoni qabel saret l-istima;

c) Ix-xogħlijiet effettivament bdew f'Mejju 2010, fuq art fejn ma kienx hemm raba u ċertament li ma kien sar xejn qabel Diċembru 2010 fil-parti fejn kien hemm ir-raba in kwistjoni. Is-Sur A. Grima kien jaf eżatt meta kien ser jibda x-xogħol għaliex kien irabbi xi bhejjem li fil-fatt ħa ħsieb ineħħihom minn qabel;

d) L-istima li saret mill-Aġenzija tal-Pagament hija bbażata fuq dak li qal is-Sur A. Grima u mhux fuq dawk li raw l-uffiċjali tagħha. Dawn qalu biss li r-raba tiegħu kien kbir biżżejjed biex joqgħodu madwar 8,000 basla; u

e) Ir-ritratti tas-satellita jittieħdu f'intervalli ta' snin, hekk li dawk li jidhru fuq is-sit elettroniku tal-MEPA ttieħdu fl-1998, 2004, u 2008. Filwaqt li huwa faċli li tiġi identifikata siġra permezz ta' dan it-tip ritratti, mhux daqshekk fil-każ ta' basal imħawwel fil-ħamrija, li ma jħaddarx matul is-sena kollha.

4.3.4. Fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi (a) sa (e) aktar 'il fuq, il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba għall-kumpens illi jlaħħaq €7,974.60 hija waħda sproporzjonata, filwaqt li parti sostanzjali minnha ma gietx korroborata lanqas mill-istess Agenzija tal-Pagamenti.

### 4.4.1. Ħruġ u żamma ta' rendikont tal-permessi maħruġa mill-Kunsill (E/2/1/Vol II)

4.4.2. Is-Segretarju għarraf li sar kuntatt mad-ditta Lornit Technology Company. Is-Sur C. Debono spjega li din id-ditta tipprovdi sistema komputerizzata dwar il-ħruġ u żamma ta' rendikont tal-permessi li jinħarġu, tal-ħlasijiet li jsiru u l-ħruġ ta' riċevuti. Is-Sur C. Debono spjega wkoll li s-sistema tipprovdi wkoll indikazzjoni tal-post involut, billi tinħareġ pjanta biex tiġi mehmuża mal-permess. Kunsilli relattivament kbar, bħan-Naxxar u Ħal Qormi abbonaw fis-sistema u ilhom jaħdmu biha diversi xhur. Id-ditta msemmija qed toffri dan is-servizz bil-prezz ta' €95.58 fix-xahar li jkopri:

- Żewġ liċenzji;
- *Hosting*;
- Sapport u manutenzjoni tas-sistema;
- Addattament tas-sistema għall-ħtiġijiet partikulari;
- Installazzjoni u taħriġ fuq il-post;
- Għajnuna 24 siegħa kuljum; u
- Jittieħed *backup* kuljum.

4.4.3. Il-Kunsill approva l-abbonament fis-sistema.

### 4.5.1. Tiswija ta' Triq Daħlet ix-Xmajjar (T/4/7/Vol III)

4.5.2. Inġibdet l-attenzjoni għal imejl datat 15 ta' Ottubru 2014, mibgħut mill-operatur ta' Adventure Camping & Leisure sabiex isiru tiswijiet fit-triq imsemmija bil-għan li t-terrapien ma jinġarx bl-ilmijiet tax-xita.

4.5.3. Is-Sindku għarraf li l-Korporazzjoni Enemalta ser tgħaddi trinka t-tul kollu ta' Triq Daħlet ix-Xmajjar fil-ġimgħat li ġejjin u għalhekk din it-talba għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid hekk kif jitlesta dan ix-xogħol.

4.5.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fil-minuta 4.5.3.

### 4.6.1. Pontifikal fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja 2015 (F/2/Vol VII)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' Settembru 2014, mibgħut mill-Kumitat Festi Nazzjonali fejn intqal li qed isiru t-tħejjijiet sabiex isir pontifikal fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa fis-7 ta' Settembru 2015, li jattendu għalih il-President ta' Malta, l-Arċisqof, politiċi, il-ġudikatura eċċ. Qabel dan issir parata mill-banda tal-Forzi Armati. Għaldaqstant saret laqgħa fuq il-post fl-14 ta' Ottubru 2014, fejn attendew uffiċjali tal-Kumitat, mill-Armata u rappeżentat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar.

4.6.3. Is-Sindku qal li fl-istess laqgħa huwa esprima r-rizervi tiegħu li ssir parata f'Misraħ il-Parroċċa minħabba nuqqas ta' spażju li jkun hemm f'lejlet il-festa, ikkaġunat mill-plancieri tal-baned, l-imwejjed u siġġijiet, il-bejjiegħa tal-qubbajt, u fuq kollox l-armar tan-nar tal-art. Għaldaqstant huwa għamel proposta li l-parata ssir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, filwaqt li l-Quddiesa Pontifikali ssir fil-Bitħna tas-Santwarju. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li din il-proposta ma ntlaqatx mill-Kumitat u qed jinsisti li l-parata ssir f'Misraħ il-Parroċċa. Dan ikun ifisser illi l-armar tan-nar tal-art jintrama bil-krejn immedjatament wara li tintemm il-parata, waqt li tkun għaddejja il-Quddiesa Pontifikali fil-knisja parrokkjali. Is-Sindku għamilha ċara mal-uffiċjali tal-Kumitat li huwa ma jaqbilx li jiddaħħal krejn dak il-ħin, kemm minħabba s-sigurta` tal-pubbliku preżenti, kif ukoll minħabba ħsejjes li dan jikkawża.

4.6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk jista' isir użu mill-plancier tal-Banda La Vittoria, minflok li l-bandisti jkunu skjerati fil-pjazza. Is-Sindku wieġeb li l-uffiċċjal tal-Armata ma qabilx ma' din il-proposta.

4.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Ottubru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn is-26 ta' Lulju u t-23 ta' Settembru 2014.

6.3. Tressqet ukoll skeda tal-pagament li tkopri bejn it-12 ta' Settembru u l-15 ta' Ottubru 2014.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 5/2014), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), dwar ix-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandla għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ;**

**Billi saret evalwazzjoni teknika mill-*Contracts Manager* tal-Kunsill, liema evalwazzjoni ġiet ikkunsidrata fis-seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li nbdiet fil-15 u tkompliet fit-30 ta' Settembru 2014; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2014 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru l-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir in kwistjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent J.G.C. Ltd sabiex jiġi fornut it-tagħmir skont l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (P/4/14)**

7.2. Kif kien maqbul fis-seduta preċedenti, it-tliet offerenti li ġew *shortlisted* intalbu jinfurmaw lill-Kunsill dwar kemm idumu biex jissuplixxu l-bandla wara li tinħareġ l-ittra tal-aċċettazzjoni. Dawn wieġbu hekk:

| | |
|---|---|
| F.G.L. Commercial Sales Ltd | 8-10 ġimgħat |
| J.G.C. Ltd | 20 ġurnata |
| M-Quip Ltd | 15-il ġurnata |

7.3. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

7.4. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' imejl datat 22 ta' Ottubru 2014, l-offerent J.G.C. Ltd fejn intqal li skont l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta t-tapit tal-lastiku għal taħt il-bandla speċifikat fil-*bill of quantities* relattiv għandu jkun ta' 55mm ħxuna. Dan ġie ordnat min-naħa tagħhom, iżda mhux mistenni li jasal qabel ħames jew sitt ġimgħat oħra. Għaldaqstant l-istess kumpanija offriet ieħor ta' 45mm ħxuna li huwa biżżejjed għat-tip ta' bandla li ser titqiegħed u li qed jiġi offrut bil-prezz ta' €33.95 kull metru kwadru bil-V.A.T. inkluża. Il-prezz mogħti fl-offerta għal dak tal-55mm kien €39.95 bil-V.A.T. inkluża.

7.5. Il-Kunsill approva t-tibdil fil-ħxuna tat-tapit minn 55mm għal 45mm, peress li l-għoli tal-bandla mill-art huwa biss ftit ċentimetri.

## 8.1. Sejħa għall-Offerti 7/2014 – Introduzzjoni ta' sistema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/31)

8.2. Saret referenza għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tas-7 ta' Ottubru 2014 fejn tidher evalwazzjoni taż-żewġ offerti li kien hemm bil-għajnuna tar-rapport tekniku li sar minn Galea Curmi Engineering Consultants.

8.3. Fuq proposta tal-imsemmi bord, l-offerent M. & E. Contractors intalbu jindikaw jekk huwiex possibbli li d-dwal ikunu mdaħħlin fl-art biex titnaqqas il-possibilita` li dawn jiġu vandalizzati. Permezz ta' imejl datat 17 ta' Ottubru 2014 l-istess offerenti wieġeb fil-pożittiv u kkonferma li ma jkunx hemm spejjeż addizzjonali.

8.4. Il-Kunsill qabel li għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord, filwaqt li l-offerent M. & E. Contractors għandu jintalab jissottometti kampjun tad-dwal LED tat-Tip "A".

## 9.1. Sejħa għall-Offerti 8/2014 – Titjib fl-aċċessibilita` fl-Uffiċċju Amministrattiv (P/4/14)

9.2. Is-Segretarju għarraf li kien hemm offerta waħda minn Uskin Ltd għall-valur ta' €8,819. Is-Sur C. Debono qal ukoll li s-sottomissjonijiet li saru mill-istess ditta, ġew mgħoddija lill-Galea Curmi Engineering Consultants għall-evalwazzjoni teknika tagħhom, liema evalwazzjoni kienet għadha ma saritx.

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li r-rapport tekniku tal-inġinier kien għadu ma daħalx.

## 10.1. Tħejjijiet għall-attivita` biex tfakkar Erba' Anniversarji Storiċi li jaħbtu fl-2014 (A/5/3/Vol XIII)

10.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa li attendew għaliha l-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini. Qed jiġi propost li għandha ssir stedina lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Opposizzjoni sabiex jagħmlu diskorsi tal-okkażjoni. Bħala kelliema oħra ntenzjonati biex joħorġu s-sinifikat tal-attivita`, ġie propost l-istoriku Dr Domenic Fenech u l-Ekonomista Dr Gordon Cordina. Kelliema oħra li jistgħu jiżdiedu magħhom huma l-membri tal-Parlament Ewropew l-Onor. David Casa u Dr Alfred Sant. Kompla jgħid li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Dr Stefan Buontempo u l-kelliem tal-Opposizzjoni dwar l-istess qasam l-Onor. David Agius għandhom jiġu mistiedna sabiex jattendu.

10.3. Is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxa wkoll li jittellgħa *feature* mill-kumpanija *Where is Everybody*, filwaqt li jkun hemm waqfiet mużikali bis-sehem tal-vjolinista Simon Vella u l-baned Imperial u La Vittoria, flimkien mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

10.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-attivita` tissejjaħ "Grajjietna – Inkitbet l-Istorja". Kien hemm qbil ukoll li din issir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2014 fis-7.00pm fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

10.5. Ġie miftiehem li laqgħa oħra dwar l-organizzazzjoni ta' din l-attivita` għandha ssir fit-28 ta' Ottubru 2014.

### 11.1. Tħejjijiet għall-attivajiet abbinati mal-Milied u l-Ewwel tas-Sena (A/5/3/7)

11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir attivita` għat-tfal fl-20 ta' Diċembru 2014 fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja, bejn is-2.00pm u l-5.00pm. Din l-attivita` għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-ġenituri bit-tqassim ta' nota lit-tfal li jattendu l-istess skola, fejn jintalbu jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill, kemm-il darba jixtiequ li jattendu. Għat-tfal ukoll, ġie ssuġġerit li jkun hemm *creative workshop* imtellgħa minn persuna li titlob ħlas ta' €5 għal kull tifel u tifla li jieħdu sehem fiħ.

11.3. Is-Sindku staqsa jekk huwiex possibbli li l-*creative workshop* tiġi kordinata minn għaqda li tippromwovi l-arti bbażata fil-lokalita`.

11.4. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet ukoll li jkun hemm attivita` oħra għall-anzjani li jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, fil-21 jew fit-28 ta' Diċembru 2014. Hija qalet li l-ħin irid jiġi determinat flimkien mad-diriġenti taċ-Ċentru.

11.5. Il-Viċi Sindku ppropona li jitqassam programm li jippromwovi l-attivitajiet kollha li jorganizzaw l-għaqdiet tal-lokalita` għal matul il-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

11.6. Is-Sindku ssuġġerixxa li jintrama palk f'Misraħ il-Parroċċa sabiex jintuża mill-għaqdiet mużikali u l-korijiet rispettivi. Il-Viċi Sindku qal li kull meta jsir hekk, dan ikun jirrikjedi servizz ta' audio u dwal. Huwa kkummenta wkoll li l-għaqdiet inkluż tal-MUSEUM dejjem organizzaw l-attivitajiet tagħhom b'mod indipendenti mingħajr l-intervent tal-Kunsill. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li l-Għaqda Dilettanti tan-Nar beħsiebhom iġibu *gazebo* u jservu *Christmas breakfast* kif kien isir qabel taħt it-tinda.

11.7. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li għall-ewwel tas-sena għandu jintrama palk b'dahru lejn il-knisja, b'tinda żgħira li tgħattiħ. Fuq l-istess palk jittellgħa spettakklu minn talent lokali flimkien ma' 3-D *projections* fuq il-faċċata tal-knisja. Dwar dan l-ispetaklu huwa qal li qed jikkonsulta mas-Sinjuri Annabelle u Shaun Vella li għandhom esperjenza f'dan il-qasam. Huwa ppropona li jkun hemm divertiment mużikali mtellgħa minn *disk jockey* b'mużika tas-snin tmenin u disgħin, filwaqt aktar tard, bejn id-9.00pm u l-11.00pm ikun hemm *band* segwita minn *disk jockey* sas-1.00am. F'nofs-il lejl jinħaraq in-nar.

11.8. Is-Sur C. Bartolo ssuġġerixxa wkoll, li l-għaqdiet għandhom jiġu mistiedna jarmaw *stands* tal-ikel, kif kien isir fis-snin preċedenti fl-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi. Huwa ppropona wkoll li jsir video promozzjonali li l-ispiża fuqu m'għandiex taqbeż €1,100. Bħalma sar fil-festa tal-Vitorja, iżda fuq skala iżgħar, huwa ppropona li jiġi stampat fuljett bl-attivitajiet kollha li ser isiru mill-Kunsill u l-għaqdiet tal-lokalita` matul il-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

11.9. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Manikata m'għandiex titħalla barra u għandu jkun hemm mill-inqas attivita` waħda marbuta ma' dawn il-festi.

11.10. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa.

### 12.1. Proroga tal-ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)

12.2. Saret referenza għal ittra datata l-1 ta' Ottubru 2014, fejn l-fondazzjoni msemmija talbet li l-Kunsill jestendi l-ftehim li huwa għandu dwar it-tmexxija tal-*heritage trail,* minn sentejn għal ħames snin sal-2020. Dan sabiex jippermettilhom japplikaw għall-finanzjament mill-Unjoni Ewropea bil-għan li jattrezzaw il-bini li ġie fdat lilhom skont l-istess ftehim.

12.3. Il-Kunsill approva l-proroga tal-ftehim billi l-Fondazzjoni ARKEO tkun f'posizzjoni aħjar li tottjeni finanzjament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Kien hemm qbil ukoll li din id-deċiżjoni għandha tiġi formalizzata permezz ta' riżoluzzjoni miż-żewġ naħat.

12.4. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Viċi Sindku qal li huwa ġie nfurmat mill-Fondazzjoni ARKEO li fid-9 ta' Novembru 2014 ser tittellgħa fiera ta' prodotti Maltin fl-irżieżet ta' Selmun. Aktar tard, l-istess fondazzjoni ser tinawgura t-tmexxija tagħha tal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ.

12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 13.1. Attivitajiet kulturali f'Agia Napa (K/1/5/4)

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-parteċipazzjoni fl-Agia Napa Festival, bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2014. Hija qalet li l-akkomodazzjoni kienet waħda eċċellenti, filwaqt li l-artisti u l-artiġġjani Melleħin li ħadu sehem kienu sodisfatti peress li x-xogħol tagħhom kien apprezzat ħafna mill-pubbliku li attenda l-festival.

13.3. Minkejja dan, hija kkummentat li kien hemm problema bil-loġistika, filwaqt l-organizzaturi tal-festival naqsu mir-rikonoxximent tagħhom għas-sehem tad-delegazzjoni Melleħija. Dan kien evidenti mid-diskorsi tal-okkażjoni li saru.

13.4. Is-Sindku J. Buttigieg qal li huwa tkellem bit-telefon mas-Sindku ta' Agia Napa - Yiannis Karousos – dwar dan, li min-naħa tiegħu wieġeb permezz ta' ittra datata 30 ta' Settembru 2014. Jidher li n-nuqqasijiet imsemmija fil-minuta 13.3. kienu ġejjin mill-kordinaturi tal-attivitajiet, liema nuqqasijiet m'għandhomx jaffettwaw l-ispirtu ta' koperazzjoni li jeżistu bejn iż-żewġ lokalitajiet.

### 14.1. Iljieli Melleħin 2014 ( A/5/3/5/Vol V)( F/2/Vol VII)

14.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li saret laqgħa mal-għaqdiet li kienu nvoluti fl-organizzazzjoni tal-Iljieli Melleħin 2014, fejn saret *post mortem* dwar dak li mar tajjeb u dak li mar inqas tajjeb f'dawn l-avvenimenti. Huwa kompla jgħid li l-fehma ġenerali hija li:

- L-Iljieli Melleħin m'għandhomx isiru wara l-Festa tal-Vitorja;
- Għandu jitħalla ntervall bejn l-Iljieli Melleħin u l-Festa tal-Vitorja; u
- L-aħjar żmien ikun bejn l-aħħar ġimgħa Lulju u l-ewwel ġimgħa ta' Awwissu.

14.3. Dwar il-Festa tal-Vitorja ntweriet l-opinjoni li jkun hemm servizz ta' *park-and-ride* mill-*interchange* tal-karozzi tal-linja fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u mill-Għadira.

### 15.1. Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol VII)

15.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li s-servizz il-ġdid beda jitħaddem b'effett mill-10 ta' Ottubru 2014.

15.3. Huwa aċċenna għall-fatt li s-Sinjorina Pauline Cauchi li kienet il-persuna nkarigati mit-tmexxija taċ-Ċentru temmet il-kariga tagħha minħabba li laħqet l-eta` tal-irtirar. Is-Sur J. Attard ippropona li tintbagħat ittra ta' apprezzament għas-servizz dedikat li kienet tagħti.

### 16.1. Bini ta' lukanda fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

16.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mas-sidien tal-Costa del Sol Lido fejn dawn għarfu lill-Kunsill qiegħdin fi proċess ta' *screening* mal-MEPA dwar proposta li tinvolvi t-twaqqiegħ tal-bini eżistenti tal-Costa del Sol Lido, bil-għan li tinbena lukanda fuq l-art konfinanti minn Triq il-Marfa, il-Mellieħa Bay Hotel u t-triq li twassal għaliha. Ġie spjegat ukoll li l-lukanda ser tkun tinkludi parkeġġ fuq żewġ sulari u erba' sulari mil-livell tat-triq li twassal għall-Mellieħa Bay Hotel. It-tliet parkeġġi, kif ukoll il-latrina pubblika eżistenti ser jiġu nkorporati fil-proġett.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandha tingħata l-opinjoni uffiċjali dwar il-proġett fil-waqt opportun waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni mill-MEPA.

### 17.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

17.2. Is-Segretarju għarraf li wara l-irtirar ta' WasteServ (Malta) Ltd mill-proġett, saru sforzi biex instab imsieħeb ieħor biex jieħu posthom. Fil-fatt instab wieħed minn Sqallija u ġiet sottomessa applikazzjoni ġdida b'estimi riveduti. L-*managing authority* – Dipartimento Regionale della Programmazione Autorita` di Gestione Unica del Programma Operativo Italia-Malta 2007-2013 – ma' approvax l-applikazzjoni l-ġdida u sessegwentement l-imsieħba kollha ntalbu jgħaddu lura l-fondi kollha li ngħataw qabel, inkluż dawk li tħallsu jew li huma kommessi bil-kuntratt.

17.3. Is-Sur C. Debono qal li saret oġġezzjoni għal din id-deċiżjoni minħabba li l-Kunsill tal-Mellieħa wettaq l-obbligi kollha skont l-iskeda tal-implimentazzjoni tal-proġett, filwaqt li bl-ebda mod ma kellu kontroll fuq dak li gara. Huwa qal li saru rappreżentazzjonijiet mal-*Funds and Programmes Department* ta' Malta sabiex jintervjeni f'din is-sitwazzjoni bil-għan li l-ammonti diga minfuqa u ċertifikati, kif ukoll dawk kommessi, jiġu rkuprati kollha.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Inkonvenjenzi fi Triq Anthony Sammut (C/6/Vol IX)

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo stqarr li qed isiru lmenti mir-residenti tat-triq imsemmija dwar vetturi tal-kiri pparkajati fit-triq imsemmija. L-istess residenti qed jilmentaw li l-impjegati ta' *public service garage* li hemm f'din it-triq qed jikkawżaw storbju bl-għajjat u bl-użu ta' *vacuum cleaner* u *power washer* anke tard bil-lejl.

18.3. Is-Segretarju għarraf li diġa saru rapporti dwar dawn l-inkonvenzji ma' Transport Malta kif ukoll mal-Pulizija tad-Distrett.

## 19.1. Laqgħa mal-Ispetturi tal-Pulizija tad-Distrett (P/9/Vol III)

19.2. Is-Sindku għarraf li fit-23 ta' Ottubru 2014 saret laqgħa mal-Ispetturi M. Curmi u G. Scerri, fejn fost suġġetti oħra ġew diskussi l-każi serq minn djar li ġraw fil-jiem ta' qabel fiż-żoni ta' Santa Marija Estate u f'Mellieħa Heights. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-Pulizija kienet ferm viċin li taqbad lil persuni responsabbli. Fl-istess laqgħa huwa qal li ġibed l-attenzjoni sabiex issir sorveljanza regolari fil-qalba mal-Mellieħa filgħodu, partikularment minħabba serq minn djar ta' persuni anzjani.

19.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 20.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2014 (F/5)

20.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini aċċennat li l-attivita` imsemmija ser issir bejn it-12 u s-16 ta' Novembru 2014 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta, u ser tkun miftuħa bejn id-9.00am u s-1.00pm, u bejn il-5.30pm u d-9.30pm. L-għarmar tal-i*stand* ser isir fil-11 ta' Novembru. Hija pproponiet li jsir *backdrop* bil-logo tal-Kunsill.

20.3. Fuq proposta tal-istess kunsilliera, il-Kunsill approva skont għal matul il-fiera fuq il-bejgħ tal-pubblikazzjonijiet li jidhru hawn taħt:

| Isem tal-pubblikazzjoni | Prezz normali | Prezz imnaqqas |
|---|---|---|
| Il-Mellieha mal-Milja taż-Żmien | €14.56 | €11.00 |
| L-Istorja tal-Mellieħa – Dati Storiċi | €9.00 | €7.00 |
| CD El Mellaha Grajjietna | €7.50 | €6.00 |
| "L-Istorja tal-Mellieħa" u "El Mellaha" flimkien | €12.00 | €9.00 |
| CD Imħabba fuq il-Għolja | €5.50 | €4.00 |
| *Quest for Identity* | €9.00 | €7.00 |
| Iz-Zija tal-Mellieħa | €6.00 | €4.00 |
| *Wartime Mellieħa* (żewġ volumi) | €7.00 | €7.00 |

## 21.1. Korsijiet tal-kompjuter għal min huwa fin-negożiju (E/3/1/9/Vol IV)

21.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini qalet li l-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar flimkien ma' TCTC Ltd ser joffru kors għal min huwa fin-negozju. Dan ser ikun jikkonsisti fi tliet sessjonijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill, segwiti b'*workshops* u seminars. Hija qalet li kien hemm rispons tajjeb tant li fil-Mellieħa ser ikun hawn żewġ klassijiet. Il-proġett qed jissejjaħ E-Biz u ser ikun iddedikat għall-intrapriżi żgħar u medji.

21.3. Il-Kunsill innota din l-inizjattiva.

### 22.1. Jum in-Nanniet (A/1/1/Vol II)

22.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarfet li fit-22 ta' Ottubru 2014 saret attivita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa msejħa "Jum in-Nanniet" li għaliha attenda s-Sur Philip Chircop li huwa l-president tal-kumitat li jorganizza attivitajiet li jġibu flimkien l-anzjani u t-tfal.

22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 23.1. Sewqan perikoluż fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XII)

23.2. Il-Kunsillier D. Vella qal li huwa ġie avviċinat minn xi residenti dwar il-ħtieġa li jsiru *speed humps* fi Triq Snajjin. Huwa qal li dawn qed jitolbu tliet *humps*.

23.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li dawn it-tip miżuri jikkawżaw inkonvenjent u għalhekk jekk ikun hemm petizzjoni, din għandha tkun akkumpanjata bi pjanta, ħalli min jiffirma jkun jaf eżatt għal x'hiex qed jagħti l-kunsens tiegħu.

23.4. Is-Sindku qal illi huwa mportanti li r-residenti kollha jiġu nvoluti. Dan jista' isir billi l-Kunsill jgħarraf lir-residenti kollha permezz ta' ittra bi pjanta magħha. B'hekk, min ma jaqbilx ikollu l-opportunita` jesprimi ruħu. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li għandha tiġi mgħoddija talba lil Transport Malta, fejn jintalbu żewġ *humps* – waħda fin-naħa ta' fuq u oħra fil-parti t'isfel u d-deċiżjoni ma' tiġix implimentata qabel r-residenti jaqblu magħha.

23.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 23.4.

### 24.1. *Bus stop* fi Triq Qasam Barrani (T/5/1/Vol II)

24.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li huwa ġie avviċinat min xi anzjani sabiex il-*bus stop* eżistenti fi Triq Qasam Barrani, kantuniera ma' Triq Vincenzo Ciappara, jitmexxa aktar 'l isfel bil-għan li titnaqqas id-distanza għalih mid-dar tal-anzjani.

24.3. Is-Sindku qal li l-*bus stop* eżistenti jinsab bejn iż-żewġ żoni residenzjali – Ta' Pennellu u Qasam Barrani u kemm-il darba dan jiġi mċaqqlaq – ċertament li jkun hemm ilmenti. Huwa kkummenta wkoll li dan jinsab fil-wita`, filwaqt li aktar 'l isfel hemm telgħa u t-toroq huma aktar dojoq.

24.4. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta skont il-minuta 24.2.

### 25.1. Assemblea Generali tal-EDEN Network Association (T/12/2)

25.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li huwa attendenta d-disa' assemblea tal-EDEN Network Association li saret fi Brussel fil-21 ta' Ottubru 2014. Huwa qal li d-delegazzjoni Maltija kienet komposta mis-Sinjorina Cora Laurenti mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, is-Sindku tax-Xagħra u l-Viċi Sindku tan-Nadur. Is-sħubija tal-lokalitajiet Maltin u Għawdxin f'din l-assoċjazzjoni dehret li għadha soda u dan kien evidenti mill-ħlas għas-sħubija li dawn effettwaw. Jirriżulta wkoll li l-assoċjazzjoni hija l-ikbar organizzazzjoni fl-Ewropa li tippromwovi turiżmu sostenibbli. L-andament kien wieħed interessanti ħafna, u fost il-kelliema li ndirizzaw l-assemblea kien hemm Sally Broom ta' *Trip Advisor*, u Maximilien Lejeune il-Kap Eżekuttiv tal-*European Best Destinations*.

25.3. Fost il-proġetti li ġew diskussi kien hemm il-kompetizzjoni tal-gastronomija li tnediet mill-Kummissjoni Ewropea u ser issir fl-2015. Is-Sur C. Bartolo ppropona lill-uffiċjal tal-MTA preżenti, sabiex l-lokalitajiet Maltin u Għawdxin ma' japplikawx għaliha ndividwalment, iżda ssir waħda bħala pajjiż wieħed. L-aċċenn għandu jkun bbażat fuq il-kċina Mediterranja.

25.4. Is-Sur C. Bartolo aċċenna wkoll għal għotja ta' €50,000 li ngħatat mill-EDEN Network lill-MTA għar-reklamar tal-lokalitajiet Maltin imsieħba fiha. Huwa qal li dawn il-flus qed jintefqu mill-Awtorita` fuq reklamar fuq bażi nazzjonali, u bil-pubblikazzjoni ta' artiklu fl-istampa internazzjoni. Bħala eżempji huwa semma artikli li dehru fit-Times of Malta u fuq magazin Awstrijak. Il-Kunsill ġie mgħarraf li riċentement kien hawn f'Malta żewġ ġurnalisti Olandiżi li ttieħdu f'diversi postijiet ta' interess fil-Mellieħa. Il-pass li jmiss huwa li ssir kompetizzjoni tal-ritratti li jittellgħu fuq il-facebook tal-MTA.

25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 26.1. Użu tal-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (S/6/Vol IV)

26.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Mellieħa Youths sabiex jagħmlu użu mill-*billboard* imsemmi, bil-għan li jirreklamaw il-bazaar tal-Milied bejn is-16 ta' Novembru u s-6 ta' Diċembru 2014.

26.3. Il-Kunsill approva li joffri l-ispazju mitlub.

### 27.1. Valletta 2018 (T/12/1)

27.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li bħala parti mill-proġett imsemmi, studenti universitarji ġew inkarigati sabiex jiġbru informazzjoni dwar il-Mellieħa, f'dak li jirrigwarda postijiet storiċi, ġonna u *playgrounds* pubbliċi, sede ta' għaqdiet volontarji eċċ. Dan tħabbar waqt laqgħa li saret għall-Kunsilli Lokali tar-Reġjun tat-Tramuntana. Dan qed isir bil-għan li t-tagħrif miġbur ikun jista jiġi mtellgħa f'sit elettroniku fejn ikun hemm mappa li tindika fejn dawn jinsabu. Sussegwentement, il-pubbliku jkun jista' jtellgħa tagħrif ieħor, wara li jiġi vverifikat mill-operatur tal-istess sit.

27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 28.1. Kompetizzjoni annwali bi premju intitolata *A+Accessibility Award* (P/8/4)

28.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fis-7 ta' Ottubru 2014, huwa flimkien mal-Kunsillier J. Attard attendew intervista mill-Bord maħtur apposta fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali. Fl-istess intervista ġie spjegat li s-sejħa għall-offerti dwar it-titjib fl-aċċess għall-uffiċċju tal-Kunsill, kif ukoll dik dwar il-bandla għall-persuni b'diżabilita` kienu finalizzati u ser jingħataw il-kuntratti relattivi. L-installazzjoni tal-Wi-Fi kienet qed isir u fil-jiem li ġejjin mistenni li s-servizz jingħata wkoll fil-Park tal-Familja u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Bord ġie mgħarraf ukoll li kien qed jitħejja dokument tal-offerta mill-perit tal-Kunsill dwar ir-rampa li għandha ssir bejn Triq Sant' Anna u Triq Ġorġ Borg Olivier, kif ukoll il-puġġaman ta' Triq il-Mitħna l-Qadima.

28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.20pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**